Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1901/2005

**Maltacom Plc**

**vs**

**Denfar Excavations Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija tlieta u erbghin lira Maltija u centezmu (Lm1343.01) dovuta in konnessjoni ma hsarat ikkagonati unikament tort tas-socjeta konvenuta, f'cables tas-socjeta attrici gewwa Rahal il-Gdid, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Gubju 2005.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u

702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b'l-avviz f'l-10 ta' Dicembru 2005 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' elf tlett mija tlieta u erbghin lira Maltija u centezmu (Lm1343.01) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------